**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 539/14**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Lydon Xerri**
**(ID 7294(M))**

**Illum, 29 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Lydon Xerri**, ta' 19-il sena iben Carmel u Maria nee` Aquilina, imwieled Ħaż-Żabbar fit-8 ta' Diċembru 1993 u residenti 7, Des Marie, Triq San Piju X, Santa Luċija, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 7294(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2013 u fis-sentejn u nofs ta' qabel din id-data:

1) **Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*)** mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2) **Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*)** mingħajr awtorizżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3) **Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu, skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) **Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis*** kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5) **Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*** jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-Prosekuzzjoni intavolat iċ-ċitazzjoni odjerna fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Diċembru 2014 u illi l-kawża bdiet tinstema' nhar l-1 ta' Ġunju 2015;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2015, l-imputat wieġeb li huwa ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[1];

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fl-istess seduta tal-1 ta' Ġunju 2015, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi biex turi illi r-rekwiżiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[2];

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2017, id-difiża rtirat din it-talba tagħha u għaldaqstant il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess[3];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qegħda tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat odjern irreġistra ammissjoni għat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputat ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Dak li qed tikkontesta d-difiża għalhekk huwa r-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni, ossia r-reat ta' pussess aggravat tal-mediċina psikotropika u ristretta *Mephedrone*. Skont l-imputat, tali droga kienet intiża biss għall-użu esklussiv tiegħu.

**Il-Prosekuzzjoni** ressqet is-segwenti xhieda u provi sabiex issostni l-każ tagħha:

1. **PS 279 Kevin Gauci** jixhed illi fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2013 fi Triq il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, lemħu l-vettura IAH 581 tinstaq b'mod perikoluż fid-direzzjoni ta' Pembroke, liema vettura ftit wara reġgħet saqet fid-direzzjoni opposta lejn il-Pulizija. Dak il-ħin preżenti max-xhud kien hemm PC 1295, WPC 44 u 482. Hekk kif resaq viċin tagħhom, huma ħarġu biex iwaqqfuh u identifikaw ruħhom bħala Pulizija. Fil-vettura, kien hemm

[1] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 95 tal-proċess.

l-imputat odjern flimkien ma' xi tliet persuni oħra. Ix-xhud jgħid illi PC 1295 għamel tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u nfurmahom li minn fuqu eleva borża li kien fiha erba' kantunieri tal-plastik bi trab abjad suspettuż. Saret ukoll tfittxija fil-vettura, fejn minn ġo *sunvisor* PC 1295 eleva *rouch*. L-imputat ġie arrestat, ingħata d-drittijiet tiegħu u ttieħed fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal investigazzjoni ulterjuri. Tfittxija fuq il-persuni l-oħra li kien hemm fil-vettura mal-imputat irriżultat fin-negattiv. Skont ix-xhud, il-vettura kienet qed tiġi misjuqa mill-imputat.[4]

2. **L-Ispettur Johann J. Fenech** jixhed illi fil-lejl ta' bejn 17 u t-18 ta' Mejju 2013, membri mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga kienu qegħdin jagħmlu xi *raids* ġewwa Paceville, San Ġiljan, fejn ġew imwaqqfa żewġ żgħażagħ, fosthom l-imputat odjern. Skont ix-xhud, l-istess imputat ġie osservat f'vettura tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni IAH 581, isuq b'mod suspettuż fi Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ. Miegħu kellu tliet żgħażagħ oħra. Ix-xhud jgħid illi l-imputat ġie mwaqqaf minn PC 1295 u PS 279 u saru tfittxijiet fuq it-tliet żgħażagħ li kienu fil-kumpanija tal-imputat u fil-vettura, iżda ma nstab xejn illegali. Fuq l-imputat, madankollu, instabu tliet boroż żgħar tal-plastik, li fihom kien hemm trab abjad, skont ix-xhud *Miao Miao* u pakkett żgħir ieħor tal-plastik, li kien fih trab abjad suspettat kokaina. Ġie elevat ukoll ċellulari tal-għamla Nokia. Ix-xhud esebixxa s-sustanza in kwistjoni bħala Dok. JF u ċ-ċellulari bħala Dok. JF 1. Huwa jgħid ukoll illi l-imputat ġie arrestat u ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, inkluż id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-istqarrija tal-imputat ġiet esebita bħala Dok. JF 2.[5] Jgħid ukoll illi huwa kien iċċekja l-*mobile phone* tal-imputat u mill-*sms* kellu ħjiel li jista' jkun illi l-imputat kien involut f'xi *deals* illegali.

   **In kontro-eżami**, ix-xhud jikkonferma illi huwa eżamina l-*mobile phone* tal-imputat billi daħal fl-*sms* u rahom.[6]

3. **PC 1295 Dillon Abela** jixhed illi bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2013, waqt li kienu qegħdin xogħol Paceville, waqqfu vettura IAH 581 tal-għamla Isuzu Gemini. Skont ix-xhud, din il-vettura kienet nieżla u tiela San Ġorġ bis-saħħa. Dan kien għall-ħabta ta' nofs il-lejl. Niżżlu n-nies minn ġewwa l-vettura u għamlulhom tfittxija. Waqt it-tfittxija li saret lil-imputat, instabu erba' kantunieri bi trab abjad. Huwa ġie arrestat u ttieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-

---

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 8 sa 10 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 17 sa 19 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 13 sa 16 tal-proċess.

Pulizija. Ix-xhud għaraf l-esebiti mmarkati Dok. JF u Dok JF 1 bħala s-sustanza u l-*mobile phone* li nstabu fil-pussess tal-imputat.

**In kontro-eżami** x-xhud jgħid illi dak il-ħin huwa kien qiegħed ma' PS 279. Jgħid ukoll illi dawn l-oġġetti nstabu minnu.[7]

4. Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti sabiex janalizza s-sustanza esebita bħala Dok. JF, jirriżulta illi għall-analizi tiegħu, huwa ngħata *envelope* immarkat S/B/544/2015 li kien fih borża tal-plastik trasparenti li kien fiha (i) karta bil-kliem Data: <u>17/5/13</u> Ħin: <u>23:59hrs</u> Elevat/i minn <u>gol-but tal-jeans fin naħa tal-lemin</u> fil-preżenza ta' <u>Lydon Xerri 7294(M)</u> minn <u>PC 1295, PC 279</u> u (ii) żewġ boroż tal-plastik trasparenti li waħda minnhom fiha 3 qratas tal-plastik li fihom trab ta' lewn abjad u l-oħra qartas tal-plastik li fiha trab ta' lewn abjad.

   Dwar dan id-dokument, l-istess espert jikkonkludi:

   (a) Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad (3 qratas minn 4) instabet is-sustanza <u>*Mephredrone*</u>. Il-piż totali tat-trab kien ta' <u>1.04 grammi</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

   (b) Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad (qartas wieħed) instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Il-piż totali tat-trab kien ta' 0.3 grammi u l-purita` kienet ta' 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-piżijiet rispettivi tal-qratas li kienu jikkontjenu s-sustanza *Mephedrone* kienu ta'0.26 grammi, 0.49 grammi u 0.29 grammi.[8]

5. **Dr. Martin Bajada**, maħtur bħala espert minn din il-Qorti sabiex janalizza Dok. JF 1 u jniżżel il-kontenut tal-istess[9], esebixxa r-relazzjoni tiegħu li tinsab immarkata bħala Dok. MB.[10] Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-espert

[7] Ara din ix-xhieda a fol. 20 sa 23 tal-proċess.
[8] Ara din ir-relazzjoni a fol. 46 sa 58 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 12 tal-proċess.
[10] Ara din ir-relazzjoni a fol. 67 sa 76 tal-proċess.

jgħid illi l-*mobile phone* kien imsakkar b'*pin code*, iżda ġiet moqrija s-*sim card.*[11]

Da parti tagħha, **id-difiża** ressqet is-segwenti xhieda:

1. **Carmel Xerri**, missier l-imputat, ġie prodott għall-fini tat-talba magħmula mid-difiża ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħid illi meta ibnu kellu sittax-il sena, ma setax isib xogħol u għalhekk kien jagħtih il-flus, anke biex imur Paceville. Jgħid ukoll illi f'daqqa waħda ibnu beda jitolbu kwantita` ta' flus u meta kien staqsih x'qed jagħmel bil-flus, ibnu kien jgħidlu li kien jixtri l-ħwejjeġ. Mistoqsi kemm kien jitolbu flus, huwa jgħid "*Qas nista' nimmagina. Kont iggennint u kont wasalt biex immur niddejjen il-flus jien minhabba fih ghax jien pensjonant*", għalkemm wara iżid jgħid "*Kien jitlobni LM100, LM50 u Euros*".[12] Kien jitolbu l-flus kull jumejn. Skont hu, ibnu nnega li kien qed jieħu d-droga, iżda hu qgħadlu għassa u sar jaf li kien qed jagħmilha ma' nies li kienu jieħdu d-droga bħalu. Skont hu, sar jaf li ibnu kien qed jieħu d-droga meta kellu dsatax-il sena u dan meta seħħ il-każ ojdern. Jgħid ukoll illi huwa kien qal lill-ibnu li kien lest li jgħinu, sablu mpjieg u kien isegwi l-progress tiegħu mal-Uffiċjal tal-*Probation*. Eventwalment, ibnu ottjena self bankarju, għal-liema self huwa jħallas mensilment b'mod regolari. Kuntrarjament għall-qabel, illum ibnu ma jberbaqx il-flus, ma jieħux droga, għandu mpjieg, jaħdem ħafna ħinijiet *overtime*, jagħti l-flus lil missieru biex ifaddallu, akkwista karozza, qed iħallasha bil-mod u sejjer tajjeb.

   **In kontro-eżami**, mistoqsi kemm kien talbu flus ibnu, huwa jgħid illi ma jistax jimmaġina kemm tah, iżda wara jgħid illi jikkalkula li b'kollox tah madwar ħmistax-il elf ewro u illi kull jumejn kien jagħtih mitejn jew tliet mitt ewro. Wara jgħid ukoll li kien jagħtih tliet mija jew erba' mitt ewro. Jgħid illi huwa kien jaħdem ġo fabbrika, kellu paga tajba u dejjem ħadem u ommu kienet tgħinu bil-flus ukoll. Mistoqsi kif qabel qal illi kien pensjonant, jgħid illi huwa pensjonant illum, iżda ma kienx meta t-tifel kien qed jitolbu l-flus. Kien jaqla' bejn elf ewro u elf u mitejn ewro fix-xahar mill-impjieg tiegħu, apparti li ommu kienet tagħtih il-flus. Jgħid illi kellu suspett li ibnu kien qed iħawwad fid-droga, iżda kien jibża' li jekk ma jagħtihx il-flus, ibnu kien jiddejjen bl-użura jew jinqatel. Mistoqsi kif seta' jagħti tliet mitt ewro lil ibnu

[11] Ara a fol. 62 u 63 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 25 tal-proċess.

kull jumejn meta kien jaqla' paga ta' madwar elf ewro fix-xahar, huwa jgħid illi ommu kienet tagħtih kemm kien jitlobha. Skont hu, forsi hu kien jagħtih mitt ewro u ommu kienet tagħtih mitejn ewro oħra, dejjem bil-moħbi ta' missieru.[13]

2. **L-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia** xehdet illi hija segwiet lill-imputat fuq żewġ Ordnijiet tal-*Probation*, li waħda minnhom dak iż-żmien kienet għadha attiva.[14] Tgħid illi huwa tqiegħed taħt l-ewwel Ordni fis-6 ta' Marzu 2010 meta kellu biss sittax-il sena, f'liema żmien kien qed jagħmilha ma' kumpanija ħażina. Fil-bidu tal-Ordni, ma kienx qed jimxi sew tant li ddenunzjatu, iżda sussegwentement biddel l-attitudni tiegħu u beda jimxi tajjeb ħafna. Dak iż-żmien, huwa qalilha li kellu problema tal-*cannabis* u hija rreferietu l-*Youth in Focus*. Ix-xhud tgħid illi mar tajjeb u dan is-servizz waqaf meta l-imputat għalaq tmintax-il sena. Skont hi, dak iż-żmien u ċioe` għall-ħabta tas-sena 2012, l-imputat kien tajjeb u ma kienx jagħmel użu mid-droga. Dwar dan iż-żmien, ix-xhud tgħid illi l-problema tad-droga ma kinitx waħda serja u iżjed kienet tinvolvi esperimentazzjoni da parti tal-imputat.

   It-tieni Ordni ta' *Probation* bdiet fit-28 ta' Frar 2013. Wara xi ftit xhur li bdiet din l-Ordni, l-imputat kien ħassar mat-tfajla tiegħu, ħadha bi kbira ħafna u beda jagħmel użu sew mill-*cannabis*. Skont hi, l-imputat kien qalilha li anke biex jorqod kien ipejjep u illi kien juża l-*cannabis* kuljum. Dam numru ta' xhur sakemm irnexxielu jaqta' mill-*cannabis*. Minn Mejju 2014 sa Jannar 2016, il-kampjuni kollha tal-urina li ħalla l-imputat irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. F'Mejju 2014 beda jaħdem u baqa' fl-istess impjieg. Fiż-żmien ta' din ix-xhieda, kien ser jibda jaħdem ukoll *part-time*. Tgħid in oltre illi waqt it-tieni Ordni kienet irreferietu għand il-psikologu Dr Kevin Sammut Henwood, stante illi l-problema iżjed kienet ir-relazzjoni li sfaxxat għaliex l-imputat kien ħadha bi kbira ħafna. Madankollu, ma tantx attenda għal sessjonijiet, stante li f'dak il-perjodu kien imħarbat. Dan kien għall-ħabta ta' Ottubru 2013, "*Qisu meta spicca minn mat-tfajla kien*".[15] Meta bdiet it-tieni Ordni, l-imputat kien għadu mat-tfajla iżda r-relazzjoni ma kinitx sejra tajjeb. Dak iż-żmien l-imputat kien għadu ma qalilhiex illi kien reġa' beda jabbuża mid-droga u fil-bidu hija ma ħaditlux kampjuni tal-urina. F'Ottubru 2013 kienet ċemplitilha ommu, qaltilha li ma kinitx qed tarah tajjeb u tatha x'tifhem li kien qed jagħmel użu mid-droga. Tgħid ukoll illi fix-xhur ta' qabel, ma kienx regolari fl-attendenza tal-appuntamenti tiegħu magħha u ma kienx

[13] A fol. 24 sa 32 tal-proċess.
[14] Ix-xhud xehdet fis-seduta tas-16 ta' Frar 2016.
[15] Ara a fol. 38 tal-proċess.

daqshekk tajjeb. F'Marzu 2013, m'għamlitlux testijiet u hu kien jgħidilha illi kien qiegħed tajjeb, sakemm f'Ottubru 2013 saret taf li l-imputat kien qed jagħmel użu mid-droga. Meta kellmitu dwar dan fis-17 ta' Ottubru 2013, huwa qalilha dwar il-problemi li kellu mat-tfajla tiegħu, li kienet intemmet din ir-relazzjoni u li kien reġa' beda juża d-droga u illi kien ilu xi ftit xhur jagħmel dan. Skont hi, "*l-issue dejjem kienet fuq il-cannabis. Kienet daily use*".[16]

3. L-istess **Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia** reġgħet xehdet fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018. Hija tgħid illi l-imputat baqa' jżomm progress tajjeb, b'kollox issottometta ruħu għal erbgħa u tletin test tal-kampjun tal-urina li lkoll irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti u dejjem prova jtejjeb lilu nniffsu, billi per eżempju jfittex impjieg aħjar.[17]

4. **Il-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri** jixhed illi l-ġenituri tal-imputat ma baqgħux flimkien madwar ħames jew sitt snin qabel[18] u minn hemmhekk huwa beda jagħmel użu mill-*cannabis.* In oltre intemmet ir-relazzjoni li kellu mat-tfajla tiegħu. Huwa kien ra lill-imputat għall-ewwel darba f'Ġunju 2013 u ċioe` madwar sena wara li bdew il-problemi. Il-konsum tal-*cannabis* ma kienx xi wieħed kbir, għalkemm wara x-xhud jgħid ukoll illi "*Imma skont kif irrakkuntali hu. Jiena nassumi li kien qed jiehu aktar probabbli milli qed jirrappurtali*"[19] u "*hu kien jghidli li forsi kien jiehu darbtejn fil-gimgha. Imma mis-sintomi, probably kien jidher li qed jiehu aktar. U dana mhux biss kemm qed tiehu drabi, kif tehodha wkoll. Jigifieri fis-sens illi r-realta`, l-haxixa, mhux haxixa wahedha, imma jkollha hafna affarijiet go fiha*".[20] Jgħid ukoll illi l-imputat kellu problemi fil-personalita` tiegħu u dan fis-sens illi kultant ma kien ikollu interess f'xejn, ħlief li jaħrab minn ħajtu u jieħu s-sustanzi. Għamel sena jew sentejn li fihom l-imputat ma baqax jattendi, iżda reġa' beda jmur għandu fis-sena 2015. Skont ix-xhud, l-*amotivational syndrome,* li hija waħda mill-effetti tas-sustanza *cannabis*, żdiedet fil-kontenut u fi kliemu "*Lydon jidher li qisu mhux kapaci jaghti history sew, mhux kapaci jiftakar il-memorja tieghu sew, u qieghed qisu spejsjat*".[21] Ix-xhud jgħid illi dak iż-żmien huwa tah kura mediċinali u l-imputat għamel progress. Jgħid ukoll illi fiż-żmien ta' din ix-xhieda, l-imputat ma kienx qed jagħmel użu mid-droga, kien hemm titjib fl-istat mentali tiegħu u kellu mpjieg. Jgħid ukoll illi milli kien jiftakar hu, fil-bidu ossia meta beda jarah fis-sena 2015, l-imputat kien

---

[16] A fol. 41 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 111 sa 113 tal-proċess.
[18] Ix-xhud kompla jixhed fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2017. Ara a fol. 96 sa 109 tal-proċess.
[19] Ara a fol. 99 tal-proċess.
[20] Ara a fol. 99 tal-proċess.
[21] Ara a fol. 98 u 99 tal-proċess.

qed isibha diffiċli biex jaqta' mill-*cannabis*, iżda eventwalment ma baqax jużaha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-unika kontestazzjoni tad-difiża fil-każ odjern hija dwar l-ewwel imputazzjoni u dan fis-sens illi skont id-difiża, il-mediċina psikotropika u ristretta *mephedrone* kienet intiża biss għall-użu personali tal-imputat.

Jirriżulta mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut illi l-piż tat-trab kontenenti s-sustanza *mephedrone* li nstab fil-pussess tal-imputat kien ta' 1.04 grammi, maqsuma fi tliet pakketti, u dan apparti li fil-pussess tiegħu nstab ukoll trab kontenenti d-droga kokaina f'piż ta' 0.3 grammi.

Jidher ukoll mix-xhieda tal-Ispettur (illum Supretendent) Johann J. Fenech illi raġuni li wasslet lill-Prosekuzzjoni sabiex tixli lill-imputat bir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni kienet illi huwa sab xi messaġġi suspettużi fil-*mobile phone* tal-istess imputat, liema messaġġi skont hu, tawh x'jifhem illi l-imputat seta' kien involut f'negozju illegali.

Jibda biex jingħad illi fil-fehma tal-Qorti, il-kwantita` tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx waħda kbira jew tali illi wieħed jista' jgħid illi mhijiex normalment assoċjata ma' użu personali. B'kollox l-imputat instab f'pussess ta' trab f'piż ta' 1.34 grammi, in parte *mephedrone* u in parte kokaina.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li arrestaw lill-imputat illi fil-ħin tal-arrest tiegħu huwa kien qed isuq vettura f'Paceville, waqt li kien fil-kumpanija ta' tliet żgħażagħ oħrajn, li fuqhom ma nstab xejn illegali. Lanqas ma jirriżulta mill-atti proċesswali illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiża wkoll għal dawn iż-żgħażagħ jew għal xi ħadd minnhom.

Il-Qorti fliet ukoll il-messaġġi fuq is-*sim card* tal-*mobile phone* tal-imputat riżultanti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada u, fil-fehma tagħha, ma fihom xejn li jistgħu jwassluha sabiex tikkonkludi li l-imputat kien involut fit-traffikar tad-droga jew illi d-droga li kienet fil-pussess tiegħu fil-lejl in kwistjoni ma kinitx intiża esklussivament għalih. Għalkemm l-Ispettur Johann J. Fenech jixhed illi huwa ra xi messaġġi suspettużi fuq l-istess *mobile phone,* Dr. Bajada jixhed ukoll illi l-*mobile phone* kien imsakkar b'*pin code*, u għalhekk seta' jaċċedi biss għall-kontenut tas-*sim card.* Kif ingħad, dan il-kontenut madankollu ma jwassal għal ebda prova kontra l-imputat.

Il-Qorti tinnota wkoll illi ma nstab xejn iżjed fil-pussess tal-imputat fil-lejl in kwistjoni li jista' jindika illi l-imputat kien involut fl-ispaċċ tad-droga.

Fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija tat-18 ta' Frar 2013 – u hawnhekk il-Qorti qed tagħmilha ċara illi din l-istqarrija qed tintuża biss bħala prova favur u mhux kontra l-imputat – l-imputat jgħid illi huwa kien ilu jpejjep il-*cannabis* madwar sentejn u nofs (u għalhekk mis-sena 2010) u li kien ipejjipha kuljum, illi kien ilu "*forsi*" sena jieħu l-kokaina okkażjonalment "*qisu xi darba fix-xahar*" u illi kien ilu juża l-*meow meow* daqs il-kokaina, "*qisu sena*", "*qisu darba fix-xahar meta nohrog*". L-aħħar li kien abbuża minn dawn is-sustanzi kien fil-jum ta' qabel, ossia meta ġie arrestat. Jgħid ukoll illi qabel l-arrest tiegħu, hu u sħabu kienu sejrin Paceville u li l-qratas in kwistjoni kienu intiżi għall-użu tiegħu.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi kemm l-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia, kif ukoll il-Psikjatra Joseph Spiteri xehdu illi l-imputat kellu problema tal-*cannabis* u skont l-Uffiċjal tal-*Probation* li segwiet lill-imputat għal numru ta' snin fuq żewġ Ordnijiet ta' *Probation,* din il-problema kienet iżjed serja fis-sena 2013, meta l-imputat kien għaddej minn mumenti diffiċli f'ħajtu. Għalkemm il-Psikjatra Joseph Spiteri jixhed illi l-imputat kellu diffikultajiet konnessi mal-użu tal-*cannabis* anke fis-sena 2015, meta kien pazjent tiegħu, biss l-Uffiċjal tal-*Probation* tixhed iżjed minn darba illi minn Mejju 2014 'il quddiem, testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-imputat dejjem irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Sa April 2014, hija ma kinitx qed tieħu kampjuni tal-urina tal-imputat stante illi sa dak iż-żmien, huwa kien jammetti li qed juża d-droga.

Il-Qorti tinnota illi la l-Uffiċjal tal-*Probation* u lanqas il-Psikjatra Joseph Spiteri ma jgħidu illi l-imputat kien jagħmel użu minn xi droga oħra apparti l-*cannabis*. Biss jidher, anke mill-istqarrija tal-istess imputat, illi din kienet il-problema prinċipali tiegħu, tant illi kemm hu, fl-istess stqarrija, kif ukoll l-Uffiċjal tal-*Probation* (li tixhed fuq dak li kien jgħidilha l-istess imputat) jgħidu illi huwa kien ipejjep il-*cannabis* kuljum. Il-Qorti tinnota in oltre illi mill-istqarrija tal-imputat, ma jirriżultax illi huwa kellu problema serja in kwantu l-kokaina u l-*mephedrone,* tant illi huwa jgħid illi dawn kien jużahom okkażjonalment, meta joħroġ xi darba fix-xahar. Jirriżulta wkoll għalkemm ma jidhirx illi huwa qatt aċċenna għal dan l-użu mal-Uffiċjal tal-*Probation* jew mal-psikjatra, illi fiż-żmien mertu tal-każ odjern, l-imputat kien għaddej minn perjodu diffiċli. Fil-fatt l-Uffiċjal tal-*Probation* tgħid illi meta bdiet it-tieni Ordni ta' *Probation,* ftit qabel il-każ odjern, l-imputat kien għadu mat-tfajla tiegħu, iżda r-relazzjoni ma kinitx waħda tajba, li ma kienx regolari fl-attendenza tiegħu għall-appuntamenti magħha u ma kienx daqshekk tajjeb. Jirriżulta wkoll illi hija ngħatat ħjiel li l-imputat kien qed jerġa' juża d-droga mingħand omm

l-imputat f'Ottubru 2013 u kien hawnhekk li huwa ammetta magħha li kien qed jerġa' jagħmel użu mill-*cannabis*. Jidher ukoll għalhekk illi dak iż-żmien l-Uffiċjal tal-*Probation* lanqas ma kienet taf bil-każ odjern, li seħħ f'Mejju 2013 u meta għalhekk hija kienet diġa` qed issegwih.

Fid-dawl ta' dak suespost, tenut kont li l-andament tal-imputat ma kienx wieħed tajjeb fiż-żmien mertu tal-każ odjern u li kien għaddej minn żminijiet diffiċli f'ħajtu, il-Qorti ma tqisx illi jista' jiġi eskluż dak li huwa jgħid fl-istqarrija tiegħu, fis-sens illi huwa kien jagħmel użu okkażjonali mill-*mephedrone* u mill-kokaina, minkejja li ma kienx tkellem dwar dan l-użu mal-Uffiċjal tal-*Probation* u mal-psikjatra. Kif ingħad, l-ammont ta' droga misjub fil-pussess tiegħu lanqas ma kien wieħed kbir jew tali illi neċessarjament jimplika spaċċ, iżda kien ammont kompatibbli ma' użu personali. In oltre tqis ukoll illi l-imputat kien fi triqtu lejn Paceville, flimkien ma' sħabu.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, u minkejja li s-sustanza *mephedrone* misjuba fil-pussess tal-imputat kienet maqsuma fi tliet pakketti, fin-nuqqas ta' ċirkostanzi jew provi oħrajn indikattivi ta' spaċċ da parti tal-istess imputat, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni, fil-grad li trid il-liġi, illi din id-droga ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Marzu 2019, mil-liema jirriżulta illi preċedetement, l-imputat instab ħati *inter alia* ta' serq aggravat u f'żewġ okkażjonijiet ta' tentattiv ta' serq aggravat, liema reati jmorru lura għas-sena 2010 u dwarhom huwa tqiegħed taħt l-Ordnijiet ta' *Probation* li ssemmi l-Uffiċjal tal-*Probation* fix-xhieda tagħha. In oltre ukoll fis-sena 2010, huwa nstab ħati ta' reati taħt il-Kap. 65 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta u reat kontravenzjonali, dwar liema ġie kkundannat għal piena pekunjarja u sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan.

Il-Qorti kkunsidrat wkoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammont ta' *mephedrone* u kokaina misjuba fil-pussess tal-imputat.

Qieset in oltre ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia dwar il-progress tal-imputat u illi llum jidher illi huwa qabad it-triq it-tajba, il-bogħod mid-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjara 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Lydon Xerri** mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha, fil-waqt illi, fuq ammissjoni, qed issibu ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, u ċioe` s-somma ta' mitejn, erbgħa u għoxrin ewro u għoxrin ċenteżmu (€224.20), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.[22]

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bħala Dok. JF 1 favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dok. JF, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[22] Il-Qorti mhijiex qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada stante illi r-relazzjoni tal-istess espert ma wasslet bl-ebda mod għal sejbien ta' ħtija fl-imputat.